MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Numru. 24/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Mario Tonna)**
**(Sp. Carmelo Abdilla)**

**v**

**Mark Piscopo ta' 23-il sena mwieled gewwa Pieta' nhar l-10 ta' Jannar, 1981, bin Mario u Jane nee Gambin residenti Blk 1, Dr B, Flat 18, Triq il-Mithna, Gudja, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 52481 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Mark Pisocopo li gie akkuzat talli matul ix-xahar ta' Novembru, 2004 f'diversi bnadi fil-gzejjer Maltin xjentement laqa' ghandu, xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati

b’reat, jew indahal sabiex ibieghhom jwe imexxihom diversi oggetti u cioe, apparat ta’ hi fi u stereos tal-vetturi u dan ai termini tal-artikolu 334 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat il-kunsens ta’ Mark Piscopo ghall-istess proceduri.

Rat li Mark Piscopo irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Tordna l-isfilz tas-sentenza esebita bhala Dok CA peress li non c’entra ma’ l-akkuzi u ma’ l-akkuzat. Il-Qorti m’ghandha bzonn ebda gwida fl-ghoti ta’ setenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, b’mod partikolari l-istqarrija ta’ l-akkuzat u l-unika xhud ta’ sustanza li tellghet il-Prosekuzzjoni, certu Mario Barbara. Issa kemm mill-istqarrija ta’ l-istess akkuzat kif ukoll mix-xhieda ta’ l-istess Mario Barbara xejn ma Hi konvinta din il-Qorti mix-xjenza li trid il-ligi li suppost kellu l-akkuzat biex tigi pruvata din l-akkuza (ghalhekk jigi kostitwit dan ir-reat). Fil-fatt fl-istqarrija l-akkuzat itenni illi fil-fatt hu ma kienx jixtri l-amplifier u l-oggetti l-ohra relatati, ghal dak il-prezz, kieku kien jaf li kienu misruqin. Fil-fatt Piscopo xtara stereo, amplifier u subwoofer u amplifier tal-marka Pioneer versu l-prezz ta’ Lm 115. L-istess Barbara kien car fil-fatt illi hu qatt ma wera lil Piscopo bil-provenjenza ta’ l-oggetti minnu mibjugha.

Lanqas il-fatt illi l-Ispettur ipprezenta sentenza ta’ akkuza ta’ ricettazzjoni konnessa mar-reat in dizamina ma jista’ qatt igib htija fuq Mark Piscopo.

Illi fil-mori ta’ din il-kawza, l-akkuzat, issa patrocinat minn Avukat Difensur differenti, rtira l-ammissjoni tieghu. Ghazel ukoll li jixhed. Hawn rega’ irrepeta c-cahda tieghu ghax-xjenza tal-fatt li l-oggetti mertu ta’ din l-akkuza kienu provenjenza ta’ serq, ghaldaqstant fuq dak gia premess tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------